MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 14/2006

**Maryanne Scicluna**

**vs**

**Dr Daniela Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Awissu, 2006, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"1. Dan l-Arbitragg jirrigwarda incident awtomobilistiku li kien sehh fil-21 ta' Gunju 2004 fi Valletta Road Mosta vicin it-Techo Park u li wassal sabiex ir-rikorrenti taghmel talba ghall-hlas fl-ammont ta' Lm 4000 rigwardanti danni minnha subiti.

2. Il-partijiet qablu li ghal finijiet ta' responsabilita' fir-rigward tal-eventwali spartizjoni ta' danni l-arbitru ghandu jirreferi ghas-sentenza moghtija fil-kawza 1897/04 PBC Maryanne Scicluna vs Daniela Chetcuti

3. F'din is-sentenza gie deciz hekk:

*"F'dawn ic-cirkostanzi, tenut kont li l-konvenuta anki halliet brake marks ta' 16.8 metri, t-Tribunal huwa sodisfatt illi f'dak il-mument l-attrici kienet miexja wara u mhux magenb il-vettura tal-konvenuta u ghalhekk bhala tali kienet obbligata illi zzomm a proper lookout u zzomm distanza xierqa w opportuna biex tkun tista tiehu dawk il-mizuri kollha xierqa u opportuni sabiex tanticipa ghall-eventwalitajiet li jsitghu jinqalghu quddiemha fit-triq.*

*Effettivament it-Tribunal huwa sodisfatt li l-konvenuta giet imrassa bil-mod kif giet imrassa mill-imsemmija vettura skonoxxuta u dan kellu jkun evidenti ghall-attrici. L-attrici ssostni li bejnha u l-karozza tal-konventua kien hemm karozza li f'daqqa wahda kisret ghal lane ta' barra u jista jkun li forsi fil-mument li din il-karozza kisret il-barra l-kovneuta ma ndunatx illi tali manuvra sehhet proprju ghaliex kien se jigri l-incidnet in kwistjoni.*

*... omissis …*

*B 'dana kollu l-attrici messha ndunat b'dak li qed jigri quddiemha u bhalma zammet il-brejk l-konvenuta messah zammet il-brejk hi wkoll. Ma rrizultax li f'xi hin l-attrici hadet xi evasive action biex tevita l-vettura tal-konvenuta anzi ssostni li donnha l-konvenuta kellha xi tort meta allegatament il-karozza tal-konvenuta wara li laqtet is-sigra, kisret ghal qiddiem il-lane taghha.*

*It-Tribunal jidhirlu illi tali affermazzjoni m'hu ta' ebda komfort ghall-attrici.*

*It-Tribunal jidhirlu li l-hsarat riskontrati fil-punt ta' impatt bejn iz-zewg vetturi cioe il-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenuta u l-parti ta' quddiem tal-karozza tal-attrici (jigi ccarat li t-Tribunla mhu qed jaghit decizjoni fuq il-hsara*

*relattiva ghall-punt ta' impatt fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-konvenuta mas-sigra) huwa imputabbli ghall-attrici u konsegwentement it-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda."*

4. Dwar id-danni l-partijiet qablu li riferenza ghandha ssir ghad-dokumenti esibiti A sa G.

5. Dawn id-dokumenti huma:

A sa C: Survey report li tirrigwarda l-vettura MBS 206 u li taghti *estimated grand total* ta' Lm 1559.60 u Lm 324.36
D: Dikjarazzjoni mahruga min Laruka Garage fir-rigward ta' xoghol li ghandu jsir fuq il-vettura MDS 206 u li dan ix-xoghol huwa valorizzat ghal bejn Lm 3000 u Lm 4000.
E sa G: Dokumenti ohra mahruga minn Laruka Garage li juru Lm 1230.10 labour u spray costs fuq il-vettura MBS 206.

6. Mill-konkluzzjonijiet maghmula mill-Onor. Tribunal kif fuq deskritt huwa indikat bl-aktar mod car: "**... l-hsarat riskontrati fil-punt ta' impatt bejn iz-zewg vetturi cioe il-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenuta u l-parti ta' quddiem tal-karozza tal-attrici ... huwa imputabbli lill-attrici.**

7. Minn dan isegwi ghalhekk li nridu naraw liema kienu dawn il-hsarat — ossia dawk fil-punt tal-impatt. Dawn ghandhom ikunu dawk fuq il-parti ta' wara tal-vettura konvenuta Peugeot 20 MBS 206

8. Skond is-survey report Dok. C il-hsara fuq il-parti ta' wara tikkonsisti fi:

- Tibdil ta' rear bumper
- Tibdil ta' bumper strip
- Straightening ta' Rear LH Wing
- Straightening ta' Rear LH Door.

Skond l-istess survey report dan iwassal ghal ammont ta’ Lm 324.36.

9. Id-dokument esibit mill-partijiet bhala Dok. F u li jirrigwarda proprju l-hsara fuq wara tal-vettura MBS 206 juru ammont ta’ Lm 304.39 bhala labour u spray fuq il-parti ta’ wara tal-vettura indikata. Dan l-ammont, paragonat mal-ammont indikat fis-survey report, jidher ragjonevoli. Mieghu jrid pero jizdied l-ammont ta’ Lm 60.

10. Skond dawn ir-rapporti hemm ukoll 5 days loss of use. Dwar dan ma gie esibit ebda dokument izda l-esponenti arbitrio boni viri qed jikkalkula li five days loss of use jistghu jitkejlu bi Lm 7 kuljum ghalhekk Lm 35 (somma li tinkludi Vat).

11. Ghalhekk, skond is-sentenza tal-Onor. Tribunal ghall-hsara fuq il-parti ta’ wara tal-vettura ta’ Maryanne Scicluna ghandu jithallas l-ammont ta’ Lm 399.39. Billi fl-avviz tal-arbitragg intalab ammont cert u l-ammont kundannat huwa ta’ ammont izghar, l-imghax relattiv huwa dovut.

12. Ghalhekk fl-umli opinjoni tal-esponenti l-ammont ta’ Lm 399.39 huwa dovut mill-intimata Dr. Danielle Chetcuti lir-rikorrenti Maryanne Scicluna bl-imghax fuq dan l-ammont jibda jiddekorri mill-1 ta’ Jannar 2005.

Minhabba n-natura tas-sentenza moghtija mill-Onor. Tribunal kif fuq imsemmi, l-ispejjes ta’ dan l-arbitragg ghandhom jithallsu b’mod ugwali bejn il-partijiet — 50=50.”

Minn din id-decizjoni ta’ l-Arbitru r-rikorrenti Maryanne Scicluna tilmenta illi dan injora ghal kollox il-provi quddiemu u dan igib vjolazzjoni tal-principju ta’ gustizzja naturali *audi alteram partem*. Minn naha taghha l-appellata topponi li s-sentenza li minnha gie interpost l-appell mir-rikorrenti mhix appellabbli billi r-rimedju ta’ l-appell lil din il-Qorti mid-decizjoni ta’ l-Arbitru hu ristrett, ex-Artikolu 70A tal-Kapitolu 387, ghal punt ta’ ligi;

B’ mod generali, kif applikabbli ghall-appelli minn decizjonijiet moghtija minn kwalsiasi qorti, tribunal jew arbitru, l-impunjattiva ghandha, fit-termini tal-ligi, tikkonsisti f’ domanda li permezz taghha wiehed mill-kontendenti jirrimetti in diskussjoni, fil-konfront tal-parti kuntrarja, l-oggett tal-provvediment li jkun inghata fid-decizjoni. Fil-kaz taht kunsiderazzjoni ghandu jigi rilevat illi tali impunjattiva mid-decizjoni arbitrali ghandha, a differenza ta’ xi ligijiet ohra, tkun proponibbli skond kif tassattivament prevvist mil-ligi, u cjoe fil-limiti stretti ta’ l-Artikolu 70A (1), jigifieri, “fuq punt ta’ ligi li jitnissel minn decizjoni finali maghmula fil-procedimenti”. In vista tal-pregudizzjali mqanqla mill-appellata, il-Qorti ghandha allura tivverifika jekk il-kontestazzjoni formulata mill-appellanti tikkorrispondix ezattament ghal kaz ta’ impunjattiva skond kif stabbilit fil-precitat artikolu;

Jibda biex jigi osservat illi l-pretensjoni ta’ l-appellanti hija li l-Arbitru, b’ dik id-decizjoni tieghu, naqas milli jikkonsidra fil-kompletezza taghhom il-provi mressqin. Dan ghaliex, skond it-tezi taghha, dawk il-provi kellhom iwassluh biex hi tigi rizarcita wkoll ghad-danni li ssubiet fil-parti ta’ quddiem tal-vettura taghha, u mhux limitatament dawk sofferti fil-parti ta’ wara biss. Hi allura tkompli targomenta illi, gjaladarba, l-Arbitru kien hati ta’ dan in-nuqqas kien hemm ksur minnu ta’ wiehed mill-principji fondamentali tal-ligi, jigifieri li min hu msejjah biex jarbitra ghandu jiddeciedi fuq il-provi kollha li jigu quddiemu prodotti. Dejjem skond l-appellanti, tali ksur kien wiehed kollegat mar-regola ta’ gustizzja naturali *audi alteram partem*, u, allura, skond ma ssottomettiet fid-dibattitu orali, dan jirrendi s-sentenza appellabbli. Jekk dan huwiex hekk il-kaz jiddependi certament mill-interpretazzjoni li trid tinghata lis-sentenza impunjata;

Mill-kontenut tad-decizjoni arbitrali huma distingwibbli, fil-fehma tal-Qorti, zewg fazijiet. Fl-ewwel fazi hemm l-affermazzjoni ta’ l-Arbitru relattiv ghad-dokumenti esebiti u

minnu ezaminati. Fit-tieni fazi nsibu l-kontenut valutativ ta' l-Arbitru ta' dawn l-istess dokumenti, kif interpretati minnu fil-kuntest tad-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet inversi (Talba Nru 1897/2004 PBC);

L-appellanti ticcensura lill-Arbitru fis-sens li dan ivvjola d-dixxplina ta' l-istruzzjoni probatorja u dan ghandu jwassal biex din il-Qorti tissindika l-mertu tad-decizjoni tieghu. Opportunement, ghandu jigi puntwalizzat illi ghalkemm din il-Qorti hi konsentita kontroll fuq il-mertu tal-gudizzju, fl-istess waqt m' ghandhiex ukoll il-kompetenza tar-ri-ezami tal-fatti tal-kaz. Effettivament, l-ezami u valutazzjoni ta' dawk il-fatti u tal-provi huma *di diritto* rizervati lill-Arbitru u dawn ma humiex censurabbli f' din is-sede. Mhux allura ammissibbli li quddiem din il-Qorti ta' revizjoni tingieb kontestazzjoni tal-valutazzjoni tar-rizultanzi probatorji akkwiziti fil-procediment arbitrali. Jekk hemm bzonn jigi ripetut, ir-raguni ghal dan tipprovvdiha l-istess ligi bil-limitazzjoni prospettata fl-Artikolu 70A (1), ampjament surreferit;

Akkoppjat ma' dan, imbaghad, hemm id-dettam ta' l-Artikolu 70B (1) li jipprovdi li meta jsir appell taht l-Artikolu 70A l-appellant ghandu jidentifika l-punt ta' ligi li ghandha tittiehed decizjoni fuqu u ghandu jispecifika t-tifsira li r-rikorrenti jallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta' ligi identifikat. Jikkonsegwi minn dan illi hu dejjem necessarju li mill-att ta' l-appell jirrizulta liema hi n-norma vjolata ossija l-principju tad-dritt li l-appellanti jippretendi li gie lez. Li jfisser illi min jimpunja d-decizjoni ghandu jispecifika, fil-konkret, il-punt tal-ligi vjolat, u in aggunta igib in riljev il-punt u l-mod fejn l-Arbitru ddiskosta ruhu minnu. Irid jizdied illi mhix sufficjenti s-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli formulata bi prospsettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa u aktar favorevoli minn dik adottata mill-Arbitru. Dan, ghaliex kritika f' din id-direzzjoni ma tistax hlief titraduci ruhha, in sostanza, ghal talba ta' l-accertament *ex novo* tal-fatti tal-kaz u dan, kif gja rilevat, hu inammissibbli;

Premess dan, u b' risposta ghal certa senjalazzjoni ta' l-appellata, irid jinghad illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi Artikolu 70B (1), ma jidherx li hu indispensabbli illi l-impunjattiva trid bilfors tikkontjeni indikazzjoni specifika ta' xi artikolu tal-ligi li jinghad li gie vjolat. Jibbasta li jigi pprecizat l-punt tal-ligi estratt mis-sentenza attakkata u li tinghata t-tifsira korretta dwaru. B' danakollu, il-Qorti ma tarax li hi accettabbli, imbaghad, is-sottomissjoni li taghmel l-appellanti ghar-rikjam generiku tar-regola tad-dritt, invokat minnha, meta, fl-istess waqt, ma tigix hekk sostanzjata kif jixraq minnha. Apparti li ma tistax dina l-Qorti, fuq l-interpretazzjoni taghha tas-sentenza appellata, tirravviza l-vjolazzjoni lamentata tal-principju tal-gusitzzja naturali lilha hekk sottomess mill-appellanti, huwa ferm car li taht dan il-pretest dak li qed tittanta taghmel l-istess appellanti, bic-censura minnha proposta, hi dik li tipprovoka indagini u valutazzjoni tal-fatti, haga, din, li l-Qorti hi prekluza mil-ligi li hekk taghmel. Fir-realta`, avut rigward ghall-argomenti li fuqhom l-appellanti tiffonda l-appell taghha, id-diskussjoni taggira b' mod esklusiv fuq il-kontestazzjoni tal-kwantum tad-danni likwidati mill-Arbitru. Materja din li certament il-partijiet kellhom il-possibilita` li jiddiskutu ampjament dwar il-fatti u c-cirkostanzi relatati maghha u li mill-valutazzjoni dwarha mill-Arbitru skaturiet ir-*ratio decidendi* tieghu. In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet l-appell ma jistax jitqies sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet opposti mill-appellata, il-Qorti tiddikjara inammissibbli l-appell lilha devolut u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-prezenti procedura jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------